

Mexxej tal-Grupp tal-Informatika tas-Saħħa Pubblika

Unità: Servizi tat-Trasformazzjoni Diġitali
Referenza: ECDC/AD/2020/DTS-GLPHI

Qegħdin jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' Aġent Temporanju msemija hawn fuq fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

Deskrizzjoni tal-impjieg

Id-Detentur tal-impjieg jaqa' taħt il-Kap tat-Taqsima tas-Soluzzjonijiet tan-Negozju u se jkun responsabbli mit-tmexxija tal-Grupp tal-Informatika tas-Saħħa Pubblika¹ fit-Taqsima tas-Soluzzjonijiet tan-Negozju u biex jipprovdi proġetti tal-IT u servizzi ta' ġestjoni tal-prodotti bl-użu ta' riżorsi interni jew esternalizzati.

Id-detentur tal-impjieg se jkun responsabbli b'mod partikolari mill-oqsma ta' xogħol li ġejjin:

- Jiżgura li l-ħtiġijiet tal-Informatika tas-Saħħa Pubblika li qed jinbidlu tal-ECDC u tal-unitajiet tan-negozju tiegħu jiġu identifikati u implimentati;
- Jikkontribwixxi għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-oġettivi tal-Unità tad-DTS u tat-Taqsima, il-Programm tal-Unità tad-DTS u l-pjanijiet ta' ħidma annwali u pluriennali;
- Jipproponi l-oġettivi annwali tal-Grupp allinjati mal-oġettivi tal-Unità u t-Taqsima, u jiżgura li jintlaħqu; jiżgura t-tweqqif f'waqtu tad-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet;
- Jiġġestixxi r-riżorsi umani u finanzjarji tal-grupp, inkluża l-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-persunal u tal-ħidma tal-konsulent;
- Jiġġestixxi l-ftehimiet tal-Grupp mal-unitajiet tan-negozju, il-fornituri esterni u taqsimiet u gruppi oħra fl-Unità tad-DTS;
- Jiġġestixxi l-operazzjonijiet ta' kuljum tas-servizzi ta' ġestjoni tal-proġetti/prodotti tal-Grupp, filwaqt li jiżgura tweqqif u rappurtar bla xkiel f'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha tal-proġetti/prodotti;

¹ L-Unità tad-DTS għaddejja minn programm ta' trasformazzjoni li jkopri l-perjodu sal-aħħar tal-2020, bil-għan li tadotta mudell ta' forniment ġdid u tħejji l-organizzazzjoni għar-rwol tagħha fir-rigward ta' approċċi ġodda u innovattivi fis-saħħa pubblika, bħall-e-saħħa, il-big data u l-użu ta' *data* dwar is-saħħa elettronika għal finijiet ta' sorveljanza. Dan il-programm ta' trasformazzjoni ser jikkonkludi bir-rieżami tal-organizzazzjoni tal-unità tad-DTS.

- Jappoġġa l-Governanza tal-IT tal-ECDC, b'mod partikolari fil-livelli ta' proġett/prodott u ta' portafoll, billi jirrapporta dwar il-prodotti u s-servizzi pprovduti;
- Jipprovdu prodotti/servizzi f'waqthom u ta' kwalità fi ħdan ir-riżorsi allokat; i;
- Jiżgura ġestjoni ta' kwalità u titjib kontinwu fil-grupp, f'allinjament mal-Pjan ta' Kwalità tad-DTS;
- Jiġġestixxi r-riskji u l-kwistjonijiet b'mod indipendenti, jeskalhom meta jkun hemm bżonn sal-manijer(s) tal-linja u jipponu soluzzjonijiet potenzjali;
- Jappoġġa lill-Kap tat-Taqsima u lill-Unità billi jwettaq proġetti speċifiċi jew kompiti huwa stess jew permezz ta' mezzi delegati, kif assenjati;
- Jiżviluppa pjanijiet direzzjonali tat-teknoloġija biex jiżgura l-manutenzjoni u l-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-IT użati fi ħdan iċ-Ċentru, iwettaq studji, u jipprovdi Pariri tal-IT;
- Jiskopri, jivvaluta u jimplementa teknoloġiji ġodda li jagħtu vantaġġi għan-negozju tal-ECDC;
- Juża l-feedback tal-partijiet ikkonċernati biex jiġu informati t-titjib meħtieġ u l-aġġustamenti għat-teknoloġija;
- Jikkomunika l-istrateġija teknoloġika u l-pjanijiet direzzjonali lill-partijiet ikkonċernati interni u esterni;
- Jirrieżamina u jżomm id-dokumentazzjoni teknika u jikkontribwixxi għall-Bażi tal-Għarfien u t-Taħriġ fil-qasam tal-għarfien espert;
- Jiġġestixxi proġetti u attivitajiet ta' manutenzjoni tal-prodotti;
- Joħloq standards u prattiki ġenerali tat-teknoloġija u jiżgura l-aderenza;
- Jikkontribwixxi għal attivitajiet oħra tal-ECDC, kif meħtieġ, fil-qasam tal-għarfien espert tiegħu.

Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli jeħtieġ li tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-anqas 3 snin attestati b'diploma²;
- Għarfien profund ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE sal-limitu meħtieġ għall-qadi ta' dmirijietu/dmirijietha³;
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;

² Għandhom jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija.

³ Il-kandidati b'lingwa tal-UE mhux uffiċjali jew bl-Ingliż bħala l-lingwa materna tagħhom iridu jipprovdu evidenza tal-livell tagħhom ta' tieni lingwa b'ċertifikat (B1 jew iktar).

Barra minn hekk, sabiex ikunu eliġibbli għal promozzjoni permezz ta' eżerċizzju ta' promozzjoni annwali, il-membri tal-persunal għandu jkollhom għarfien operazzjonali ta' tielet lingwa tal-UE, kif deskritt fir-Regolamenti tal-Persunal u r-Regoli ta' Implimentazzjoni applikabbli.

- Intitolament għad-drittijiet sħaħ tiegħu jew tagħha bħala ċittadin⁴;
- Ikun issodisfa l-obbligi kollha imposti mil-ligijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Jissodifa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Ikun fiżikament kapaċi li jwettaq id-dmirijiet relatati ma' din il-kariga.

B. Kriterji tal-għażla

Biex jikkwalifika għal din il-kariga identifikajna kriterji essenzjali fir-rigward tal-esperjenza professjonali u l-karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali. Dawn huma:

Esperjenza professjonali/għarfien:

- Mill-inqas 5 snin ta' esperjenza professjonali (wara l-għoti tad-diploma), li mill-inqas 3 snin minnhom iridu jkunu f'karigi rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjeg;
- Livell ta' edukazzjoni, skont ir-rekwiżiti formali, fil-qasam tal-Informatika tas-Saħħa, il-Bijoinformatika jew l-IT bi speċjalizzazzjoni tal-kura tas-saħħa;
- Esperjenza fi proġetti/oqsma tal-informatika tal-e-saħħa/tas-saħħa pubblika bħal sistemi ta' sorveljanza, sistemi ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet, rekords elettroniċi tas-saħħa, interoperabbiltà fil-qasam tas-saħħa, is-sigurtà u l-privatezza għas-sistemi tal-e-saħħa, it-tagħlim awtomatiku, il-viżwalizzazzjoni tad-*data*;
- Esperjenza fl-istandards tal-Ġestjoni tal-Proġetti internazzjonali (bħal PRINCE2, PMI, PM2, Agile eċċ.) u għodod rilevanti (bħal Project Server, DevOps Azure eċċ.);
- Esperjenza ta' metodoloġiji ta' analiżi tan-negozju u l-aħjar Prattiki (bħal IIBA BABOK) u fl-użu ta' għodod rilevanti;
- Esperjenza ta' suċċess fit-tmexxija u l-ġestjoni tar-riżorsi umani u t-timijiet tal-proġetti;
- Għarfien u esperjenza fil-ġestjoni tal-baġit, il-kuntratti u l-akkwist pubbliku, idealment fil-qafas regolatorju tal-UE;
- Livell eċċellenti tal-Ingliż, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Xprunat mill-kwalità, iffukat fuq l-għoti ta' servizz u orjentat lejn ir-riżultati;
- Impenjat fit-tagħlim kontinwu u żżomm ruħek aġġornat mal-iżviluppi fil-qasam tal-għarfien espert tiegħek;
- Ħiliet maniġerjali eċċellenti, kapaċità li jimmotiva l-persunal u jiżviluppa relazzjonijiet ta' ħidma tajbin fil-livelli kollha f'timijiet multidixxiplinari u multikulturali;
- Ġestjoni ta' kunflitti u ħiliet ta' soluzzjoni ta' problemi eċċellenti;
- Ħila sabiex jippjana bil-quddiem, jipprevedi diffikultajiet u jipproponi mitigazzjonijiet meta jkunu meħtieġa;
- Kapaċitajiet eċċellenti ta' komunikazzjoni.

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslu, il-kumitat tal-għażla jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fi ħdan il-kriterji tal-għażla msemmija qabel, jew japplika kwalunkwe kriterju ta' vantaġġ elenkat.

⁴ Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul se jintalab jipprovdi ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juri li ma għandux kondotta kriminali.

Opportunitajiet Indaq

L-ECDC huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaq u jħeġġeġ applikazzjonijiet mill-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u tal-għażla mingħajr l-ebda distinzjoni fuq bażi ta' età, razza, konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, ġeneru jew orjentazzjoni sesswali u irrispettivament mid-diżabilitajiet.

Attwalment, in-nisa huma sottorappreżentati f'dan il-qasam ta' negozju. Għalhekk, in-nisa huma mħeġġa japplikaw.

Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjieg

Id-detentur tal-impjieg jinħatar abbażi ta' lista qasira proposta mill-Kumitat tal-Għażla lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat tal-Għażla. Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati għandhom jinnotaw li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni fil-lista qasira ma tigarantixxix ir-reklutaġġ. Il-lista qasira ta' kandidati se tiġi stabbilita wara proċess ta' għażla miftuħa.

Il-kandidat magħżul se jiġi reklutat bħala Aġent Temporanju, skont l-Artikolu 2(f) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabli għall-Aġenti l-Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, għal perjodu ta' ħames snin li jista' jiġġedded. Il-ħatra se tkun fil-grad AD 5.

Jenħtieġ li l-applikanti jinnotaw ir-rekwiżit skont ir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal ġdid kollu li għandu jtemm perjodu ta' prova b'suċċess.

Għal aktar informazzjoni dwar il-kondizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kondizzjonijiet tal-Impjieg għall-Aġenti l-Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140501>

Il-post tal-impjieg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

Lista ta' riżerva

Tista' tinholq lista ta' riżerva u din tintuża għar-reklutaġġ, f'każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data tal-iskadenza tal-applikazzjoni u tista' tiġi estiża.

Proċedura ta' applikazzjoni

Biex tapplika jekk jogħġbok ibgħat applikazzjoni mimlija lil Recruitment@ecdc.europa.eu u fis-suġġett tal-email indika b'mod ċar ir-referenza tal-pożizzjoni vakanti u kunjomok.

Biex l-applikazzjoni tiegħek tkun valida, għandek timla t-taqsimiet meħtieġa kollha tal-formola ta' applikazzjoni, li għandha tiġi sottomessa fil-format Word jew PDF u preferibbilment bl-Ingliż⁵. Applikazzjonijiet mhux mimlija għalkollox jitqiesu bħala invalidi.

Il-formola tal-applikazzjoni tal-ECDC tinsab fuq is-sit web tagħna hawnhekk:

<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process>

⁵ Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinal tiegħu bl-Ingliż. Peress li l-lingwa ta' ħidma ta' kuljum tal-Aġenzija hija ġeneralment l-Ingliż, l-ECDC jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet u aktar informazzjoni rigward l-istatus ta' din il-proċedura tal-għażla, kif ukoll informazzjoni importanti rigward il-proċess ta' reklutaġġ, hija mniżżla fuq is-sit web tagħna u tista' tinstab bl-użu tal-link ta' hawn fuq.

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.